MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 167/2007

Il-Pulizija
(Spt. J. Hearsey)

Vs
Stephen Schembri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta’ Novembru, 2006, ghall-habta ta’ 12.10 p.m., fi Triq il-Kuncizzjoni, Msida, saq vettura bil-mutur ta’ l-ghamla “bobcat”:
1. minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq;
2. b’hekk saq l-istess vettura minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
3. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna hsarat

fuq vettura nru. HAP-919 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta (Water Services Corporation).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 t’April, 2007 li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, 3(1)(1A)(1B)(2) tal-Kap. 104, 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal multa ta’ elf lira Maltija (LM1000), u fic-cirkostanzi tal-kaz b’applikazzjoni ta’ l-artikoli 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, skwalifikatu milli jkollu kull tip ta’ licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w tghaddi sabiex tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti ghax il-bobcat huwa ingenju li jintuza fuq siti fejn ikunu qed isiru xogholijiet u fil-fatt fl-1 ta' Novembru, 2006, dan il-bobcat kien qed jintuza fuq sit fi Triq il-Kuncizzjoni li f' dik il-parti kienet maghluqa ghat-traffiku u ghalhekk dak in-nhar ma kienetx tikkostitwixxi triq pubblika u kienet sit ta' kostruzzjoni . Ghalhek ma kienx hemm l-obbligu li l-vettura tkun assikurata b' polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi. Din il-vettura qatt ma tintuza fit-triq u biex tasal fuq is-sit tax-xoghol tingarr fuq trailer u tittiehed lura bl-istess mod. Vetturi bhal dawn ma jigux licenzjati biex jintuzaw fit-triq u ghalhekk isegwi li ma hemmx bzonn ikunu koperti b' polza ta' assikurazzjoni.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tat-18 ta' Gunju, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi li nstemghu mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-

Illi mill-Affidavit ta' **PS 678 B. Bunce** jirrizulta li fil-11 ta' Novembru, 2006, ghall-habta tal-12.10 pm, irecva rapport fl-ghassa tal-Imsida li kien hemm habta . Mar fuq il-post u sab il-van HAP 919 ipparkjat perpendikolarment fit-triq. Francis Xuereb kien qallu li kien ipparkja il-van hemm minnhabba xi xoghol li l-Water Services Corporation kienet qed taghmel fit-triq. Qallu ukoll li ix-xufier tal-bobcat kien irriversja u habat mall-van li kellha hsara fil-mudguard , dawl tal-lemin ta' quddiem u l-indicator.

Ix-xufier tal-bobcat Stephen Xuereb kien qallu li waqt li kien qed jaghmel xoghol bil-bobcat gew tal-Water Services Corporation u ipparkjaw f' nofs it-triq peress li kienu qed jahdmu hemm ukoll u waqt li kien qed jiriversja bil-bobcat , laqat il-bumper tal-van .

Is-Surgent innota li l-bobcat ma kellux numru ta' registrazzjoni mwahhal mall-bobcat u Stephen Schembri kien qallu li l-bobcat ma kellux bzonn ta' numru ta' registrazzjoni, peress li jintuza biss ghal skop ta' kostruzzjoni.

Meta kellem lis-sid tal-bobcat Edward A. Schembri dan sostna li l-bobcat ma kellux bzonn ta' licenzja peress li dan jintuza biss fuq postijiet ta' kostruzzjoni. Sostna li meta sehh l-incident il-bobcat kien qed jintuza fit-triq peress li kien qed isir xoghol ta' tiswija fl-istess triq.

**Christopher Darmanin,** li xehed in rapprezentanza tal-Awtorita' Dwar it-Trasport, xehed li kull vettura li jkollha magna tigi registrata. Meta l-bobcats ikunu ser jintuzaw go toroq pubblici, jrid ikollhom il-pjanci u l-licenzja imhallsa bl-insurance. F’kazi ohrajn, bhal vetturi zghar tipo ta’ bobcat jew fork lifters zghar li jkunu ser jintuzaw go enclosed area. jistghu jirregistrawhom u jiggaraxjawhom u ma jkunx hemm licenzja jew pjanci. Imma jekk per ezempju tkun go

ghalqa u ser taqsam ghal go ghalqa ohra u hemm xi triq bejnithom , trid tkun registrata w imwahhla mall-bobcat. Jekk tkun barra ha jerfghuha fuq truck, jew qeghda fuq l-asphalt trid tigi registrata. Sa kemm qieghed f'enclosed area m' ghandux ghalfejn pero' basta li jkun registata mall-Awtorita'.

**Francis Xuereb,** impjegat tal-Water Services Corporation, xehed li kien l-appellant li kien qed isuq il-bobcat meta dan laqat il-van tal-Corporation fi Triq il-Kuncizzjoni ma Tower Road, l-Imsida. It-triq kienet miftuha minn-naha minnhom u maghluqa fid-direzzjoni opposta. Il-van kien ipparkjat fuq in-naha l-ohra tat-triq mhux fejn kien maghluq u cioe'li minnha kien ghaddej it-traffiku.

**L-Appellant** xehed li hu kellu licenzja tas-sewqan ta' karozza. Kienu qed jahdmu fuq in-naha tal-left u tal-Water Works kienu gabu xi affarijiet tal-ilma ghax kienu qed jahdmu fuq in-naha l-ohra tat-triq. Hu ipparkja fis-section fejn kienu qed jahdmu huma, warajhom. It-triq ma setghux jaghalquha. Il-permess li kienu tawhom kien li jaghalqu nofs it-triq. Huma ma kienux qed jahdmu go building site imma fit-triq. Kienu ghalqu bil-barriers bis-saqajn tal-hadid u plastic. Il-bobcat kien wasal hemm fuq il-karru w jitlaq minn hemm bil-karru.

Ikkonsidrat;

Illi f' dan il-kaz ma hemmx dubju li l-bobcat in kwistjoni kien qed jigi uzat go triq pubblika w cioe' Triq il-Kuncizzjoni, Msida. L-appellant pero' qed jargumenta li ghax it-triq kienet maghluqa, ma kienetx triq pubblika dak il-hin u ergo ma kienx hemm l-obbligu li l-bobcat ikun licenzjat u lanqas li jkun kopert b' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi.

Illi fl-ewwel lok irid jigi precizat li mhux korrett l-appellant meta jghid li t-triq kienet maghluqa ghat-traffiku ghaliex jirrizulta li in parti biss kienet maghluqa u kien ghaddej traffiku xorta wahda sia pure minn direzzjoni wahda. Inoltre ma jidhirx li mill-istess triq kien hemm xi impediment li jghaddu pedestrians li huma ukoll intitolati li

jkunu koperti bil-protezzjoni ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi f' kaz ta' xi investiment. Ghalhekk l-argument tal-appellant li fejn kien il-bobcat meta gara l-incident ma kienx triq pubblika imma sit ta' kostruzzjoni ma jreggix. Inoltre l-incident gara meta l-bobcat kien irriversja u laqat il-van tal-Water Services Corporation li kien ipparkjjat fil-parti karreggjabbli tat-triq.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kap.65 jiddisponi li huwa reat li wiehed isuq motor car jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew motor car jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja., hlief fil-kaz ta' bicycle.

L-artikolu 2 tal-Kap.65 jiddefenixxi *"motor car"* bhala vettura immexxija b' <u>forza mekkanika</u> w *"vettura"* bhala kull xorta ta' karozza, karozzin, karettun migbud minn bhima, trucks, motor car, omnibuses, <u>jew mezz iehor ta' trasport ta' kull xorta jew ghamla mahsub ghat-trasport ta'</u> nies, kadavri jew <u>hwejjeg</u>, izda ebda dispozizzjoni tal-Ordinanza jew ta' xi regolament maghmul tahtha ma ghandha tapplika ghal xi karettun migbud minn bhima kemm il-darba il-Ministru ma jaghmilx regolamenti li jestendu dawk id-dispozizzjonijiet b' mod li jkunu wkoll japplikaw ghalihom. (sottlinear ta' din il-Qorti)

Minn dan jidher li l-unici "motor cars" u vetturi li jidhru ezenti mill-htiega ta' licenzja huma l-bicycles u karettuni migbuda minn bhima. Ma jidhirx ghalhekk li hemm xi ezenzjoni fil-kaz ta' bobcats.

Mill-banda l-ohra l-artikolu 3 (1) tal-Kap. 104 jiddisponi li hadd ma jista juza jew igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza <u>vettura bil-mutur</u> <u>fit-toroq</u> kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik tal-persuna l-ohra skond il-kaz ma tkunx issehh polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza

Umbaghad l-artikolu 2 tal-Kap.104 jiddefenixxi *"triq"* bhala triq, sqaq, pjazza, fortifikazzjoni jew post iehor ta' moghdija ghall-pubbliku. *"Vettura bil-mutur"* hija defenita

bhala kull vettura mahsuba biex tivvjagga fuq l-art u li tkun immexxija b' forza mekkanika imma li ma timxiex fuq il-binarji u wkoll trailer akkoppjat ma mutur (sottolinear ta' din il-Qorti).

Triq tibqa' triq anki jekk tkun qed issir tiswija fiha u bobcat bla dubju hu vettura li tivvjaggja fl-art u hija immexxija b' forza mekkanika. Ghalhekk jekk bobcat jintuza fi triq irid ikollu polza ta' asskurazzjoni skond il-ligi.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti fil-kaz in ezami l-bobcat in kwistjoni kien suppost licenzjat biex ikun fit-triq u suppost ukoll li kellu kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni. Rrizulta pero' li l-bobcat la kellu wahda w lanqas l-ohra. Ghalhekk l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha, b' dana pero' li l-periodu tas-sospensjoni mill-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant jibda' jiddekorri min-nofs il-lejl tal-lum.

Il-Qorti pero’ qed takkorda “marte propria” l-fakulta’ lill-appellant li jhallas il-multa ta’ LM1000 f’ghoxrin (20) skadenza ta’ LM50 il-wahda kull xahar, l-ewwel hlas fl-1 ta’ Settembru, 2007, b’dana illi jekk l-appellant jonqos milli jhallas puntwalment xi skadenza wahda mensili, jew parti minnha, s-somma bilancjali dovuta ssir esigibbli minnufieh u, jekk ma tithallasx, tigi konvertita’ f’terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------